MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 430/2000/1

Joseph John Grech

Vs

Saviour Balzan fil-kapacita' tieghu bhala editur tal-gurnal Malta Today

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-7 ta' Marzu 2000 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li huwa tqieghed taht att ta' akkuza in konnessjoni mal-isparar li sehh gewwa r-Rabat f'attivita politika fl-1987; illi l-attur gie pronunzjat mhux hati u gie lliberat minn kull akkuza kontra tieghu; illi sussegwentement il-konvenut editur tal-gurnal *maltatoday* fil-harga tal-11 ta' Frar 2000 u bhala awtur ta' l-istess artikolu ntitolat "Dead men tell no tails" ghamel malafama lill-attur billi attribwilu fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu, jew li jesponieh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi ghalhekk il-konvenut

irrenda ruhu hati ta' malafama u kwindi tenut li jhallas danni lill-attur a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta; talab li din il-Qorti:-
1. tiddikjara lill-konvenut fil-kapacita' tieghu kif hawn fuq indikat ghamel malafama lill-attur a tenur tad-disposizzjonijiet tal-ligi precitata;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur a tenur ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. tordna lill-konvenut ihallas s-somma hekk likwidata lill-attur.

Bl-ispejjes u l-imghax kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fl-4 ta' April 2000 li permezz taghha eccepixxa:-
1. illi l-attur jrid jipprova li l-konvenut kien editur tal-gurnal Malta Today fid-data 11 ta' Frar 2000;
2. illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi l-artikolu mhux libelluz u kien jikkonsisti f'kummenti gusti fuq fatti veri u l-konvenut ma ghamel ebda malafama lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-13 ta' April 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomisjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Fil-21 ta' Jannar 2000 inghatat sentenza mill-Onor Qorti Kriminali li permezz taghha l-attur gie dikjarat "*mhux hati*

*tar-reati addebitati lilu fl-istess Kapi. Tiddikjara ghalhekk lill-istess Joseph John Grech mhux hati taht l-ebda Kap ta' l-Att ta' Akkuza."* Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikolu 487 tal-Kodici Kriminali, ordnat li l-istess Joseph John Grech jigi liberat.

Ghalkemm ma jinghad xejn f'din is-sentenza, li kopja taghha tinsab ezebita a fol 21 tal-process, dwar x'kienu r-reati li bihom l-istess Joseph John Grech gie akkuzat, donnu hemm qbil bejn il-kontendenti li dawn jirreferu ghall-incident li sehh fir-Rabat, Malta fil-5 ta' April tal-1987 meta persuni li kienu qed jattendu meeting politiku organizzat mill-partit nazzjonalista, fl-inhawi tar-Roman Villa, gew attakkati minn grupp hekk imsejjah l-Special Mobile Unit. F'dik l-okkazzjoni ukoll kien hemm xi sparaturi fuq jew fid-direzzjoni tal-pubbliku.

Mill-membri kollha tal-hekk imsejha SMU, ta' liema l-attur kien membru, kien biss l-attur li tressaq quddiem il-Qrati fejn gie mixli b'attentat ta' omicidju. Hadd mil-membri l-ohra tal-istess organizzazzjoni ma ingieb quddiem il-Qrati.

Fil-11 ta' Frar tas-sena 2000, u cioe daqs ghoxrin gurnata mid-data tas-sentenza fuq imsemmija, il-konvenut ppubblika artikolu fil-Maltatoday tal-istess data. Dan l-artikolu li, ghandu jinghad huwa wiehed analitiku u anke kritiku tax-xena politika maltija, sew fiz-zmienijiet meta l-Gvern kien immexxi mill-partit Laburista, sew ghall-perjodu ta' wara l-1987, meta ha l-Gvern l-partit Nazzjonalista, isemmi diversi scenarji b'referenza partikolari ghall-kazi ta' Anthony Pavia, partitarju nazzjonalista li kien miet u Anthony Mifsud, gwardjan tal-habs ta' Kordin, li kien gie akkuzat li ghen lill-Louis Bartolo jahrab mill-habs. Jissemmew ukoll b'certa disprezz li Special Mobile Unit u l-Kap tal-istess grupp li, skond l-awtur, kontra kull aspettativa, gie mahtur Supretendent wara li l-Gvern ghadda f'idejn l-partit Nazzjonalista.

Fir-rigward tal-kaz ta' Pavia l-awtur jsemmi li kien hemm xi gurnalisti li kienu qed jinsinwaw li "*someone somewhere may have fabricated a story to smear the honest and upright Sergeant Grech.* (cioe l-attur odjern)" Dan billi kien

hemm dicerija li l-istess Pavia *"was shot by his Nationalist friends".* L-awtur imbghad jkompli hekk: "*I do not believe that such a thing is impossible, but then, neither do I believe that Mr Grech and his buddies can be exonerated from the SMU's shooting spree in the eighties."*

L-attur has ruhu malafamat b'din is-sentenza billi rega gie marbut ma attivitajiet, *allegatament illegali jew abbuzivi,* ta' li Special Mobile Unit ftit granet biss wara li huwa kien gie ezonerat minn kull responsabbilita' ghall-incident tal-5 ta' April 1987 fir-Rabat. Huwa jkompli jghid li matul il-perjodu kollu li dan jistenna l-guri, cirka 12 il-sena, huwa w l-familja tieghu, kienu sofrew hafna minhabba l-akkuza, li sussegwentement rrizultat mhux fondata, u ghalhekk meta rega ssemma fl-artikolu b'referenza partikolari ghall-allegati abbuzi tal-SMU, huwa rega beda jsofri u ma setghax jgawdi dak il-mistrieh tal-mohh li s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2000 kellha taghtih.

Il-konvenut qed jeccepixxi l-verita' tal-fatti kontenuti fl-artikolu u li dak li kiteb kienu kummenti gusti fuq dawn l-istess fatti. Waqt ix-xhieda tieghu l-konvenut kompla jispjega li ghalkemm fl-artikolu jissemma l-attur b'ismu dan sar semplicement billi l-proceduri ttiehdu kontra l-atturi filwaqt li l-kritika hija mmirata lejn l-SMU. Hu jghid li l-artikolu jitkellem b'mod globali u mhux specifikatament fuq Grech.

Ikkunsidrat:-

Illi minn ezami tal-artikolu in kwistjoni jidher li l-artikolista u cioe l-konvenut ghamel hafna nsinwazzjonijiet ossia kummenti fil-konfront tal li Special Mobile Unit li taghha l-attur kien membru. Dawn il-kummenti kienu intizi sabiex jgiebu l-istmerrija tal-pubbliku ghal dan il-grupp li sahansitra jissejjah "a bunch of raving robocops".

Kellux raguni l-konvenut fid-deskrizzjoni tieghu ta' dan il-grupp, li wara kollox kien ilu ma jiffunzjona ghal diversi snin, mhux mertu ta' din il-kawza. Huwa sufficjenti li wiehed jghid li dawn kienu s-sentimenti ta' persuna, kif jghid l-istess konvenut, li ghexet certa zmienijiet fil-kamp

politiku ta' pajjizna u jekk l-istorja kelliex tikkundanna jew tezonera dan il-korp u l-agir tieghu huwa kumment legittimu ta' gurnalist.

Izda mill-assjem ta' dak li jinghad fil-parti rilevanti tal-artikolu jidher li l-awtur mhux biss uza isem l-attur ghax dan kien il-persuna li kontra taghha ittiehdu proceduri kriminali, izda donnu li l-awtur, konxju tal-ezitu fil-proceduri kontra l-istess Grech, qed jitfa del fuq id-decizjoni tal-Qorti Kriminali billi jerga jorbot lill-istess Grech mal mewta ta' Pavia irrispettivament minn dak li kienu qed jghidu gurnalisti b'intenzjonijiet tajba dwar "frame up" u minn dak li qalet il-Qorti fis-sentenza taghha.

L-attur f'dawk il-granet kien ghadu kemm ghadda mil-kalvarju ta' guri b'akkuzi serjissimi fil-konfront tieghu. Kien gie dikjarat mhux hati u bhala tali, bhal kull cittadin iehor li jghaddi minn tali proceduri u jigi dikjarat mhux hati, kellu kull dritt li jistenna li ghal anqas ma jissemmiex aktar fir-rigward. Jekk il-konvenut kellu xi kummenti x'jaghmel, bhal ma kellu kull dritt li jaghmel, fil-konfront tal-agir tal-SMU dan seta' facilment esprimihom minghajr ma jipponta subajh lejn l-attur billi b'dan il-mod rega, ingustament, espona lill-istess attur ghall-istmerrija tal-pubbliku.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-artikolu u senjatament l-parti li tikkoncerna lill-attur, hija malafamanti billi mhux biss tattribwixxi lill-attur fatti determinati in konnessjoni ma reat li jesponu lill-attur ghad-disprezz tal-publiku, izda billi mill-qari tal-istess artikolu, tenut kont tal-prossimita tieghu ghas-sentenza fil-proceduri kriminali mehuda kontra l-attur, johloq fil-qarrej certa dubbju fl-innocenza tal-istess attur.

Tenut kont ta' dan kollu u tal-gravita' tal-kaz din il-Qorti thoss li l-attur huwa intitolat ghar-risarciment tad-danni li fic-cirkostanzi qed jigu likwidati fis-somma ta' hames mitt lira maltin (LM500).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici, tiddikjara li

l-attur gie malafamat bil-kontenut tal-artikolu miktub mill-konvenut intitolat "Dead men tell no tales" u ppubblikat fil-harga tal-11 ta' Frar 2000 tal-gazzetta Maltatoday; konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira maltin (LM500) bl-imghax legali mil-lum.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri